# 134. Puccini u L-Coro Dei Muti

Kien miexi mal-għadira ħdejn it-Torri
bil-frejgatina, bi xkubetta kbira,
imħażżem b'ċinturin kollu skartoċċi
bil-kelb fil-pruwa,

Igħarrxu t-tnejn għall-borok u l-gallini.
Kienu għaddew ġurnata tassew sbejħa,
u qabdu ħafna kaċċa għax il-passa
kienet tal-għaġeb.

'Mma f'daqqa waħda beda jħoss in-noti
f'widnejh igelglu. Bla ma kien ittenda
is-Setgħa kbira li mill-blat u l-ħamri
tislet l-inbid

ġol-għenba, li minn l-arja ta' madwarna
tislet id-daqq ġol-arpa, kienet daħlet
mill-bieb magħluq ta' moħħu u ġewwa qalbu
u bdiet iddoqq.

Telaq l-imqadef, nesa l-kelb u d-dgħajsa,
u ħareġ karta u beda jikteb jikteb;
kiteb il-kor bla kliem li jagħlaq ħlejju
it-Tielet Att

tal-Madame Butterfly, li jibki l-ġrajja
t'eluf minn ta' tfajliet ta' mingħajr xorti,
tfajliet illi ħabbew u ġew traduti
fl-imħabba safja…

tfajliet meqruda minn mard kbir f'żgħożithom,
tfajliet li l-mewt bla qalb jew id il-qilla
serqithom mill-maħbub… tfajliet bla xorti
li mhux bħal Tosca

Mimi' u Butterfly sabu min jgħanni
il-ġrajja tagħhom, niżlu ġewwa l-qabar
ġwejdin waħedhom, minn kulħadd minsija
illum għal kollox!

Kif ħarġet l-aħħar nota ta' mogħdrija
Puccini ttenda illi d-dgħajsa kienet
dieħla ġol-blat, qabad malajr l-imqadef
u beda jaqdef.

Is-Setgħa kbira li fix-xitwa tgelgel
l-ilma minn ġol-miżieb kienet telqitu;
il-kelb lemaħ wiċċ sidu qed jiċċara
u qed jitbissem.

U qadfu lejn id-dar u dik il-lejla
instemgħet fuq il-pjanu ġewwa l-villa
tħannina ġdida, ħliqa ġdida ġdida
li kellha tibqa'

tittajjar ġewwa l-arja dwar id-dinja,
tibki bħar-rożinjol kull filgħaxija
il-ġrajja sbejħa ta' tfajliet bla xorti
sa jmut il-qamar.